**21 ta' Jannar, 1961**

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Joseph Rossignaud ne.

*versus*

Anthony Xuereb

**Għajnuna Soċjali — Alimenti — Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali — Rappreżentanza Ġudizzjarja — Arrest Personali — Art. 26 tal-Att VIII tal-1956 — Att nru. VIII tal-1958.**

*Id-Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali hu mil-liġi fakoltat li jfittex lill-missier leġittimu ta' minuri reklamanti l-alimenti, sew meta dak il-minuri jiġi l-quddiem jirreklama l-għajnuna soċjali, sew meta b'inizjattiva tiegħu ġudizzjarja l-minuri għandu jkun supplit bl-alimenti mill-persuni msemmijin mill-liġi, fosthom il-missier. Għaldaqstant mhix fondata eċċezzjoni fis-sens li dak id-Direttur ma għandux ir-rappreżentanza ġudizzjarja meħtieġa biex jaġixxi kontra l-persuni obligati għall-alimenti biex imantnu lill-persuna li titlob l-għajnuna soċjali; għax hu għandu din ir-rappreżentanza b'liġi.*

*L-ordni tal-Qorti li tordna l-mod u ż-żmien għall-pagament ta' dejn huwa provvediment diskrettiv, li jista' jkun suġġett għal awment jew diminuzzjoni, jew anki sospensjoni, fil-każ li jiġu nieqsa il-mezzi kontemplati għad-dazzjoni kontra d-debitur. Il-kawża biex jiġu stabbiliti dawn il-mod*

*u żmien tal-pagament hija preparatorja għal dik susseg-wenti għall-otteniment tal-arrest personali tad-debitur, fejn id-debitur huwa ammess li jipprova li huwa naqas li jħallas bil-mod lilu ordnat fil-ġudikat ta' qabel mhux volon-tarjament, imma minħabba nuqqas ta' mezzi. Ma jistgħux jiġu kumulati l-kawża għall-fissazzjoni tal-mod u żmien tal-pagament u dik tal-arrest personali.*

*Għalkemm il-konsangwinei, meta jkunu kredituri tad-debitur li jkun jiġi minnhom, ma jistgħux jitolbu l-arrest perso-nali tiegħu, id-Direttur fuq imsemmi jista' jitlob dan l-arrest kontra min ġie kundannat jirrifondilu somma ta' flus im-ħallsa bħala għajnuna soċjali, avvolja mħallsa lill-konsan-gwinei tal-persuna hekk kundannata.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomi-ne, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi d-Di-partiment rappreżentat mill-attur ħallas bħala għajnuna soċja'i, taħt in-National Assistance Act, 1956, lil Maria Xuereb, mart il-konvenut, is-somma ta' £151.14.0, korris-pondenti għal 74 ġimgħa mit-28 ta' Frar 1959, sad-9 ta' Diċembru 1959 u mill-24 ta' Frar 1960 sal-11 ta' Ottubru 1960, bir-rata ta' £2.1.0 fil-ġimgħa; liema assistenza tħal-lset għall-manteniment tal-ulied minuri mill-konvenut u l-imsemmija martu, bl-isem ta' George, Anthony u Joseph; u peress illi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Ġunju 1958 (konfermata in sedi tal-Appell fil-21 ta' No-vembru 1958), fil-kawża "Joseph Rossingnaud ne. vs. An-thony Xuereb", il-konvenut ġie kundannat iħallas lill-attur nomine s-somma ta' £28.14.0 għar-raġunijiet hemm indi-kati; liema somma għadha sal-lum mhix imħallsa; u pe-ress illi l-konvenut huwa legalment tenut għall-manteni-ment tal-imsemmija uliedu minuri, għaliex huwa mpjegat bħala "Meter Fitter's Mate" fid-Dipartiment tal-Ilma u E'ettriku u qiegħed jaqla' £6.14.0 fil-ġimgħa; talab li l-konvenut (1) jiġi minn din il-Qorti kundannat iħallas lill-attur fil-kwalità tiegħu fuq indikata s-somma ta' £151.15.0 in rifużjoni ta' daqstant ieħor imħallas mill-attur nomine lil Maria Xuereb, mart il-konvenut, bħala manteniment tal-imsemmija minuri aħwa Xuereb, u dan in bażi għall-art. 26 tan-National Assistance Act, 1956; (2) jiġi minn din

il-Qorti kundannat jgħaddi lill-imsemmija martu pensjoni alimentarja għall-għajxien u manteniment tal-imsemmijin aħwa minuri Xuereb, li qegħdin taħt il-kura tal-istess Maria Xuereb, fl-ammont u bil-modalità li jiġu stabbiliti mill-istess Qorti; (3) li l-Qorti tistabbilixxi mod u żmien għall-pagament ta' £151.14.0 mitluba fl-ewwel domanda ta' din iċ-ċitazzjoni, u tas-somma ta' £28.14.0 kanonizzata bl-imsemmija sentenza, wara li jittieħdu in konsiderazzjoni s-salarju tal-konvenut, il-bżonnijiet tiegħu, l-effetti fuq il-qagħda finanzjarja tiegħu tas-sentenza li tiġi mogħtija fuq it-tieni talba, u fatti oħra rilevanti għall-każ; (4) li l-konvenut jiġi kundannat għall-arrest personali fil-każ illi huwa jonqos milli jagħmel lill-attur nomine l-pagamenti kif determinati fit-tielet talba ta' din iċ-ċitazzjoni. Bl-interessi legali u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel eċċezzjoni, dwar li l-attur nomine ma għandux ir-rappreżentanza ġuridika tal-minuri msemmija, l-istess tammonta, fil-verità, għal eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna;

Illi din l-eċċezzjoni tal-konvenut, però, ma tistgħax tiġi milqugħa bil-favur; l-għaliex, skond l-art. 26 tal-Att nru. VIII tal-1956, kif emendat bl-Att numru VIII tal-1957, id-Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali huwa fakoltat ifittex lill-konvenut, bħala missier leġittimu tal-minuri reklamanti l-alimenti, sew meta huma jirċievu minn għandu l-għajnuna soċjali, sew meta, b'inizjattiva tiegħu ġudizzjarja, huma għandhom ikunu suppliti bl-alimenti mill-persuni msemmija f'dak l-istess artikolu, fosthom il-missier tagħhom, bħal ma huwa l-konvenut. Jirriżulta mill-provi li omm il-minuri u mart il-konvenut, għan-nom tal-istess minuri, għamlet għan-nom tagħhom dik it-talba, u dik l-istess omm, bid-digriet tal-Onorevoli Qorti tal-Appell tad-9 ta' Awissu 1957, kienet ġiet fdata bil-kura ta' dawk l-istess tfal komuni tal-konjuġi Xuereb;

Illi kwindi, peress li din il-fakoltà fid-Direttur imsemmi

titnissel mill-liġi, l-eċċezzjoni mogħtija hija nieqsa minn kwalunkwe bażi u fondament legali; u per konsegwenza tiġi miċħuda, bl-ispejjeż għall-konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi d-deċiżjoni tal-ewwel talba tiddependi, in kwantu għall-ammont kanonizzabbli, mid-deċiżjoni tat-tieni talba; l-għaliex, kif kellha okkażjoni tgħid din il-Qorti f'diversi deċiżjonijiet "in subjecta materia", l-organizzazzjoni u l-unifikazzjoni tal-liġijiet li ma jkunx issostitwew lil xulxin iridu jkunu nterpretati b'mod li jkunu konċiljabbli waħda mal-oħra. Infatti, il-liġi komuni dwar l-għoti tal-alimenti lill-qraba, meta ma jkunux għal xi raġuni legali ntilfu, tiddependi mill-kondizzjoni tal-alimentanti u mill-kapaċità finanzjarja tiegħu kombinata man-neċessità tal-persuna li tkun qegħdha titlob l-alimenti. Issa, ġie li ta l-każ li d-Direttur tal-Għajnuna Soċjali ħareġ għajnuna bħala alimenti lill-mara li tkun legalment mhix, skond il-liġi komuni, intitolata għall-alimenti, u każi oħra fejn huwa għadda ammont in linea ta' alimenti taħt il-kopertura ta' għajnuna soċjali, u skond l-ewwel skeda, li fil-fatt kienu joltrepassaw il-potenzjalità finanzjarja tad-debitur. F'każ ieħor, fejn il-persuna alimentanda kienet diġa' ġiet akkordata rata alimentari, l-attur nomine assenjalha aktar minn dak li kienet tagħtha l-Qorti, mbgħad talab dak li ta minn għand id-debitur — dak li huwa ċertament inċivili u għandu jkun, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti. iffrenat; l-għaliex, jekk ikun il-każ bħal dawk li ntqalu fuq, ikun nuqqas ta' protezzjoni taċ-ċittadini, u l-Qrati huma stabbiliti mhux biss biex jidher li hemm enti regolatur tal-ġustizzja, imma iżda li dan l-enti jkun verament preżenti u attiv għall-"unicuique suum", di fronti għal kulħadd indistintament;

Illi mill-provi jirriżulta li l-konvenut huwa mpjegat bħala "Meter Fitter's Mate" fil-Water and Electricity Department", u qiegħed jaqla' £6.14.0; imma......;

Illi huwa għalhekk li l-konvenut għandu jħallas lill-omm it-tliet itfal £2.1.0 fil-ġimgħa, b'dan li l-istess omm, għan-nom ta' wliedu, tkun tista' tirtira dik l-istess somma direttament mill-Kaxxier tal-"Water and Electricity De-

partment" kull ġimgħa bil-quddiem mil-lum stess, skond ma hemm maħsub fl-art. 382(3) tal-Kap. 15;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi in kwantu għat-tielet talba, l-ewwelnett trid issir distinzjoni bejn is-somma ta' £28. 14. 0d kanonizzata bis-sentenza li kopja tagħha tinsab fil-fol. 5 tal-proċess, markata dok. A, u s-somma ta' £151. 14. 0d li sejra tiġi kanonizzata bis-sentenza odjerna, u li tikkostitwixxi l-ewwel domanda taċ-ċitazzjoni preżenti, għall-finijiet tal-istabbiliment tal-mod u żmien għall-pagament tagħhom skond ma hemm maħsub fl-art. 359 ittra (b) tal-Kap. 15, kif ukoll in kwantu għar-raba' domanda, jingħad dan li ġej;

Illi l-operazzjoni tal-artikolu fuq imsemmi, in kwantu għall-fissazzjoni tal-mod u żmien għall-pagament, huwa provvediment diskrettiv, li jista' jkun suġġett għall-awment jew diminuzzjoni, jew anki sospensjoni, fil-każ li jiġu neqsin il-mezzi kontemplati għad-dazzjoni stabbilita kontra d-debitur. Dan il-provvediment jingħata kontra debitur li għandu proventi determinati u ċerti, salv li minn dak li jitħallas jibqgħalu dak li huwa ndispensabbli għall-alimenti tiegħu. Il-kawża tal-fissazzjoni tal-mod u żmien tal-pagament hija preparatorja għall-kawża sussegwenti tal-otteniment tal-arrest personali, fejn id-debitur huwa ammess li jipprova li huwa naqas li jħallas bil-mod lilu ordnat fil-ġudikat ta' qabel mhux volontarjament, imma għan-nuqqas ta' mezzi. Fi kliem ieħor, ma jistgħux jiġu kumulati l-kawża tal-fissazzjoni tal-mod u żmien tal-pagament u dik tal-arrest personali minħabba nuqqas, non ostanti li d-debitur kellu l-mezzi; l-għaliex il-liġi trid li dik is-sentenza tkun qabel dik dik li tordna l-arrest personali (ara art. 359(b) Kap. 15); kif ukoll, loġikament, l-għaliex inklelè, man-nuqqas il-kreditur jgħaddi għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-arrest personali li hija trieq rigoruża u estrema, meta forsi d-debitur ikun jista' jipprova (u bl-ewwel ipotesi jkun pruvat) li huwa naqas kontra l-volontà tiegħu. u mhux ġa għax kellu l-mezzi biex iħallas u ma riedx iħallas;

Infatti, fost ipotesijiet oħra, li mhumiex esklużi, id-debitur jista' jkorri serjament, b'mod li jkun ġie bejn l-ewwel sentenza u t-tieni sentenza, inkapaċitat u mpedut milli jaħdem u jaqla' l-flus li kien qabel l-aċċident jaqla'; f'liema ipotesi jkun verament diżuman li jiġi pretiż, għal nuqqas tal-ħlas ordnat lill-persuna, in segwitu diżabilitata, l-infurzament eżekuttiv bl-arrest personali. Il-liġi ma tistgħax tkun presidju ta' din l-anormalità;

Illi, kwindi, talba għall-arrest personali trid tissussegwi dik tal-kawża għall-fissazzjoni tal-mod u żmien tal-pagament, u ma tistgħax tiġi kumulata mat-tieni waħda msemmija; u għalhekk ir-raba' talba hija insostenibbli f'dan l-istadju;

Ikkunsidrat;

Illi, qabel ma din il-Qorti tgħaddi l-quddiem sabiex tiffissa l-mod u żmien tal-pagament tad-debitu kanonizzat bis-sentenza preċedenti u dak li sejjer jiġi kanonizzat bis-sentenza odjerna, din il-Qorti, fl-assenza ta' konsiderazzjonijiet mill-parti tal-kontendenti, tħoss li huwa dmir tagħha tiddetermina l-validità tat-tielet domanda;

Skond l-art 359(b) Kap. 15, id-debitur li jkun naqas milli jħallas bil-mod u fiż-żmien li lilu ġie ordnat mill-Qorti b'sentenza oħra qabel, għad li kellu l-mezzi biex iħallas, ikun jista' jintalab kontra tiegħu l-arrest personali. kif fuq intqal, f'kawża oħra, skond ma nterpretat din id-dispożizzjoni l-ġurisprudenza lokali (ara P.A. Ċivili 26 ta' Ġunju 1895 in re "Bonnici vs. Delia", Volum XV, paġina 207 kolonna 2da.). Issa, huwa wkoll minnu li skond l-art. 361(d) Kap. 15 il-persuni hemm imsemmija, fosthom il-konsangwinei, meta jkunu kredituri tad-debitur li jkun jiġi minnhom, ma jistgħux jitolbu l-arrest personali tiegħu. Fil-każ in diżamina, in-natura tad-debitu tal-konvenut huwa alimentari, u l-attur qiegħed jaġixxi għas-somma li ħareġ bħala alimenti, u qiegħed kwindi jitlob it-tielet domanda, li hija preparatorja għal domanda sussegwenti ta' arrest personali. Kwindi titnissel loġika u naturali l-kwistjoni, ċjoè, jekk huwa minnu li d-domanda għad-determinazzjoni tal-mod u żmien hija preparatorja għal dik tal-kawża ta' arrest perso-

nali, ladarba ulied id-debitur ma jistgħux skond il-liġi jitolbu l-arrest ta' missierhom-debitur, għal liema skop l-attur nomine qiegħed jitlob għas-somom arretrati l-fissazzjoni talmod u żmien tal-pagament?

Fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, l-attur nomine mhuwiex investit mit-tfal tad-debitur minn ebda ċessjoni ordinarja sempliċi tal-kreditu, f'liema każ ma jkunx jista' jitlob l-arrest personali tad-debitur; l-għaliex ulied id-debitur ma kienux jistgħu jittrasferixxu "per cessione" drittjiet akbar minn dawk li jkollhom; imma huwa awtorizzat millliġi stess li joħroġ l-assistenza soċjali lill-ulied id-debitur, obligat mil-liġi għall-alimenti bid-dritt li jitolbhom kif tgħid il-liġi minn għand l-istess debitur; u jekk dan il-kreditu huwa tal-attur nomine, ebda mpediment ma jista' jkun hemm li jottjeni l-eżekuzzjoni per mezz tal-arrest personali. Del resto, il-liġi ma tikkunsidrax l-oriġini tad-debitu għallprivileġġ li għandhom id-debituri li ma jkunux arrestati mill-parenti u affini li hija ssemmi. L-istess liġi hija preokkupata mill-fatt tal-kundanna flimkien mall-kwalità talpersuna li tkun ottenietha u mall-kwalità tal-persuna li tiġi kundannata;

In vista' ta' dan l-attur nomine, li huwa nvestit millliġi bl-azzjoni tal-irkupru tal-flus li d-Dipartiment tiegħu ħareġ, la ma jiġix mid-debitur kundannat, jista' jitlob l-arrest personali; u konsegwentement l-azzjoni preparatorja tiegħu mhijiex inutili u bla nteress, b'mod li huwa seta' jagħmilha;

Ikkunsidrat;

Illi wara li ntqal dan, din il-Qorti tħoss, wara li kkunsidrat iċ-ċirkustanzi tal-każ, li l-konvenut jista' iħallas issommom kanoniżżati bin-nofs lira fil-ġimgħa, jibda millewwel paga, u hekk kull paga, sa ma jiskonta d-dovut. flUffiċċju dipartimentali tal-attur nomine, għall-finijiet tal-liġi;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, l-ewwelnett billi tiċħad l-eċċezzjoni

tal-illeġittimità tal-persuna opposta mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu; it-tieni nett, tilqa' t-tieni talba għall-ħlas tas-somma ta' £151. 14. 0d kif dedotta, bl-ispejjeż għall-istess konvenut; it-tielet nett, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-omm it-tfal tiegħu minuri, għall-manteniment tal-istess tfal, is-somma ta' £2. 1. 0d. fil-ġimgħa (ripartita bejn tlieta għal kull tifel), u għall-aċċertament tal-ħlas tordna lill-kaxxier tad-Dipartiment Governattiv fejn huwa mpjegat il-konvenut iħallasha, mil-lum stess bil-quddiem lill-istess omm, u hekk minn ġimgħa għall-oħra; fir-raba' lok, tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' £28. 14. 0d u dik ta' £151. 14. 0d bin-nofs lira fil-ġimgħa, jibda l-ewwel pagament mill-ewwel paga, u hekk minn ġimgħa għall-oħra, sa ma jiskonta dak li huwa minnu dovut, bl-ispejjeż għall-konvenut; u fl-aħħarnett, tiċħad it-talba għall-kundanna tal-konvenut għall-arrest personali, in kwantu li hija ntempestiva, bl-ispejjeż ta' dan il-kap għall-attur nomine.